MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1510/1998/1

**Hugh P Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holding Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Calleja sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Mario Calleja u b'nota tas-7 ta' Dicembru 1999 is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency in rappresentanza tas-socjeta estera CGV Insurance Plc li assumiet id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta' estera Royal International Insurance Holdings kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Calleja**

**vs**

**Brian Caruana u Martin Caruana**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew :

Illi fis-26 ta¸Settembru 1997 gewwa l-ByPass ta' San Pawl il-Bahar, waqt li Brian Caruana kien qed isuq il-karozza numru X 5904, huwa habat mall-karozza numru CAG 015 misjuqa mill-attur Mario Calleja liema vettura kienet assikurata taht polza “comprehensive” mal-attur nomine;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut Brian Caruana minhabba traskuragagni, imperizija u nuqqas ta' osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut Martin Caruana huwa responsabbli ghall-agir ta' ibnu Brian Caruana stante li ppermetta li dan isuq il-vettura in kwistjoni, u cioe' dik bin-numru tar-registrazzjoni X 5904 liema vettura kienet mikrija lill-konvenut Martin Caruana u dan minghajr licenzja tas-sewqan;

Illi in vista tal-imsemmija polza l-attur nomine ghamel tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenuti fil-karozza assikurata mieghu;

Illi d-danni kollha sofferti mill-attur nomine b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal elf, tlett mija u tmienja u hamsin lira maltija u dsatax il-centezmu (Lm1358.19) hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati biex ihallsu, huma baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhomx jigu dikjarati minn din il-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi u ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u hamsin lira maltin u dsatax il-centezmu (Lm1358.19) fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorendo bl-opera ta' periti

nominandi u konsegwentement ghaliex m'ghandhomx il-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati ihallsu lill-atturi in linea ta' Danni, l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru 1997 kontra l-konvenuti li gew ingunti ukoll ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit li filwaqt li huwa minnu li l-kollizjoni sehhet minhabba ragunijiet imputabli lill-eccipjenti Brian Caruana, l-ammont ta' danni pretizi mill-atturi huma esagerati u li l-eccipjenti Martin Caruana ma jahti assolutament ghal-agir ta' ibnu Brian Caruana u ghalhekk ma jistax jigi kundannat ihallas l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-affidavit ta' Hugh P. Zammit presentat mill-atturi;

Semghet ix-xhud prodott mill-atturi u lill-attur Mario Calleja;

Semghet ix-xhud prodott mill-konvenuti;

Rat l-affidavit tal-konvenut Martin Caruana u dak tal-konvenut l-iehor Brian Caruana;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

F'din il-kawza l-atturi huma socjeta assikuratrici estera kif surrogata fid-drittijet tal-assikurat taghha Mario Calleja u l-istess Mario Calleja. Il-konvenuti huma Brian Caruana u missieru Martin Caruana;

Mill-provi prodotti jirrizulta li fis-26 ta¸Settembru 1997, fil-ByPass ta' San Pawl il-Bahar, sehh incident stradali. Involuti f'dan l-incident kien hemm il-konvenut Brian Caruana, li kien qed isuq il-karozza numru ta' registrazzjoni X 5904, u l-attur Mario Calleja li kien qed isuq il-vettura tieghu, cioe "pick-up" tal-marka Tata, numru ta' registrazzjoni CAG 015. Jirrizulta ukoll li l-imsemmija vettura misjuqa mill-attur kienet assikurata bi polza "comprehensive" mas-socjeta attrici assikuratrici;

Ai termini ta' din il-polza ta' assikurazzjoni s-socjeta attrici assikuratrici ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur l-iehor bhala rizultat tal-imsemmija kollizjoni u f'dan ir-rigward hallset is-somma ta' elf, tlett mija u tlieta u tletin liri maltin u dsatax il-centezmu (Lm1333.19). L-attur Calleja ai termini tal-istess polza kellu jhallas excess ta' hamsa u ghoxrin liri maltin (Lm25);

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu, fost affarijiet ohra, illi dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut Brian Caruana. Ikomplu jippremettu li l-konvenut l-iehor Martin Caruana ghandu jitqies li hu responsabbli ghall-agir ta' ibnu peress li huwa ppermetta li l-imsemmi ibnu isuq il-vettura in kwistjoni, li kienet mikrija lilu u dan minghajr ma ibnu kellu licenzja tas-sewqan. Ghal dawn ir-ragunijiet l-atturi talbu li jigi dikjarat li l-konvenuti, jew min minnhom, kienu unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni konsegwenzjali. Qed jitolbu ukoll li d-danni relattivi jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' elf, tlett mija u tmienja u hamsin lira maltin u dsatax il-centezmu (Lm1358.19) u finalment qed jitolbu li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati ihallsu s-somma likwidata in linea ta' danni;

Il-konvenuti, da parti taghhom, filwaqt li ddikjaraw li huwa minnu li l-kollizjoni sehhet tort tal-konvenut Brian Caruana, qed jeccepixxu li l-ammont ta' danni pretizi huwa esagerat u li l-konvenut l-iehor Martin Caruana ma jahti xejn ghal-agir ta' ibnu u ghalhekk ma jistax jigi kundannat ihallas l-ammont mitlub mill-atturi;

In vista ta’ dak li ddikjaraw il-konvenuti fin-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom jidher li ma hemmx kwestjoni dwar ir-responsabilta’ tal-kollizzjoni in kwestjoni. Il-konvenut Brian Caruana accetta din ir-responsabilita’ u ghalhekk jista jinghad li l-incident in kwestjoni sehh tort tal-istess konvenut Brian Caruana. Jibqa ghalhekk li jigi deciz jekk l-ammont, li l-atturi qed jitolbu bhala danni likwidati, huwiex esagerat jew le. Irid ukoll jigi deciz jekk hemmx xi responsabilita li hi attribwibbli lill-konvenut Martin Caruana;

Ghar-rigward tar-responsabilita’ tal-konvenut Martin Caruana, ghandu jinghad mill-ewwel, li ma jirrizultax sufficjentement pruvat li b’xi mod l-istess konvenut Martin Caruana ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni konsegwenzjali. F’dan ir-rigward jirrizulta li meta sehh l-incident il-konvenut Brian Caruana kellu biss hmistax (15) il-sena u ghalhekk ma kellux licenzja tas-sewqan. Fl-istess incident, Brian Caruanu kien qed isuq vettura li missieru, l-konvenut l-iehor Martin Caruana, kien innoleggja;

Ma jirrizultax pruvat li l-konvenut Martin Caruana awtorizza jew ippermetta li ibnu jsuq il-vettura in kwestjoni. F’dan ir-rigward l-atturi ma gabu ebda prova. Da parti tieghu l-konvenut Brian Caruana, fl-affidavit li ppresenta, qal li dak in-nhar tal-incident, filghodu, huwa kellu bzonn immur Bugibba u ghalhekk iddecieda li, peress li missieru dak il-hin kien rieqed stante li l-istess missieru kien gej mis-shift tax-xoghol tieghu ta’ matul il-lejl, jiehu c-cwievet tal-imsemmija karozza mill-but tal-qalziet ta’ missieru u li jmur fejn kellu imur bl-istess karozza;

L-istess konvenut ikkonferma li missieru ma kienx jaf li huwa kien jaf isuq.u kkonferma ukoll li missieru ma kellu x’jaqsam xejn f’dak kollu li huwa ddecieda li jghamel. Il-konvenut Martin Caruana ukoll ikkonferma li huwa ma kellu x’aqsam assolutament xejn mal-fatti li wasslu ghall-incident in kwistjoni. Huwa kkonferma li qatt ma ghallem lill-ibnu isuq u li qatt ma ppermetta li l-istess ibnu isuq l-imsemmija vettura dak in-nhar tal-incident. Fid-dawl ta’

dan kollu l-pretensjoni tal-atturi li l-konvenut Martin Caruana ghandu jigi ritenut b'xi mod responsabbli ma tirrizultax sufficjentement pruvata u ghalhekk l-istess konvenut Martin Caruana ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni jirrizulta sufficjentement pruvat li d-danni ghandhom jigu likwidati fl-ammont li qed jitolbu l-atturi. Is-surveyor, inkarigat mis-socjeta attrici assikuratrici u li esamina l-vettura tal-attur Calleja, kkonferma li l-istess vettura kellha daqqa ukoll fuq il-kaxxa tal-"pick-up" u li ghall-ewwel deherlu li din id-daqqa kienet tissewwa izda sussegwentement irrizultalu li ma setghetx tissewwa u li l-istess kaxxa kollha kellha tinbidel, kif fil-fatt sar. L-istess xhud ikkonferma li d-daqqa fuq il-kaxxa kienet fuq in-naha ta' wara fuq in-naha tal-lemin, kienet zlugata u kienet sfrundat sewwa. Huwa inoltre kkonferma li qabel ma awtorizza li tinbidel il-kaxxa ghamel dak kollu possibbli sabiex il-kaxxa tissewwa. L-agent tal-marka tal-karozzi in kwestjoni kien ikkonfermalu li ma kellux spare-parts u ghalhekk ukoll kellha tinbidel il-kaxxa. In vista ta' din id-deposizzjoni jirrizulta sufficjentement pruvat li l-ammont likwidat bhala danni sofferti ghandu jkun skond dak mitlub mill-atturi;

F'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li bil-ghan li jipprovaw li d-danni reklamati huma esagerati, l-konvenuti pproducew biex jixhed direttur tas-socjeta' kummercjali li timporta l-karozzi tal-marka Tata. Din il-Qorti, pero', hi tal-fehma li ma tistax toqod fuq dak li qal dan ix-xhud peress li ma jirrizultax li dan l-istess xhud esamina l-vettura in kwestjoni u ghalhekk huwa ma kienx konsapevoli dwar l-entita' tad-daqqa fuq il-kaxxa;

In vista tal-premess jirrizulta li l-konvenut Martin Caruana ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u li l-konvenut l-iehor Brian Caruana ghandu jitqies li hu unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni kollha konsekwenzjali. It-talbiet tal-atturi ghandhom jigu kollha akkolti pero' fil-konfront biss tal-konvenut Brian Caruana, li ghandu jigi kundannat ihallas lis-socjeta attrici assikuratrici s-somma ta' elf tlett mija u

tlieta u tletin liri maltin u dsatax il-centezmu (Lm1333.19) u lill-attur Calleja is-somma ta’ hamsa u ghoxrin liri maltin (Lm25);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tillibera lill-konvenut Martin Caruana mill-osservanza tal-gudizzju u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici pero’ biss fil-konfront tal-konvenut Brian Caruana u b’hekk tiddikjara li l-konvenut Brian Caruana kien unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi u tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta’ elf, tlett mija u tmienja u hamsin lira maltin u dsatax il-centezmu (Lm1358.19) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut Brian Caruana ihallas lis-socjeta attrici assikuratrici s-somma ta’ elf tlett mija u tlieta u tletin liri maltin u dsatax il-centezmu (Lm1333.19) u lill-attur Calleja is-somma ta’ hamsa u ghoxrin liri maltin (Lm25) in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza;

Spejjez kollha kontra l-konvenut Brian Caruana bl-eccezzjoni ghall-ispejjez tal-konvenut Martin Caruana li ghandhom jithallsu mis-socjeta attrici assikuratrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------